**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 338/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Xuereb**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 105963M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja talli –

1. Nhar il-11 ta' Awwissu 2013, f'xi ħin bejn il-ħamsa ta' filgħodu (5am) u s-sebgħa w nofs u ħamsa ta' filgħodu (7:35am) ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojjellerija u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza 45, Triq San Pawl, Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2329.37, bil-lok u bil-ħin għad-detriment ta' Giuseppe Cassar u/jew persuna/i oħra;
2. U aktar talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għall-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Joseph Xuereb bħala reċediv ta' sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Joseph Xuereb ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-

> arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-flejjes ordnati bħala garanzija, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-artikolu 579(2) (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti ddikjarat lil imputat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ipprezentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib lil appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha relattivi inkluż l-addebitu tar-reċediva skond l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, u inkluż l-addebitu relattivament għall-Art. 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fit-23 ta' Frar 2024 fejn il-preġudizzjali mressqa mill-appellat dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali kienet miċħuda u fejn allura kien ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

Semgħet trattazzjoni fuq l-aggravju ssollevat mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali iressaq aggravju uniku dirett lejn is-sentenza appellata meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni erronja tal-liġi applikabbli għar-reati addebitati lill-appellat, li waslitha biex tinterpreta l-fatti tal-każ erronjament u konsegwentement għaddiet biex tillibera lill-appellat. Jikkontendi l-Avukat Ġenerali illi kellu jingħata piż akbar lill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod ewlieni lill-

prova magħmula permezz ta'l-impronti diġitali li nstabet mill-uffiċjali tax-xena tar-reat li kellha issarraf f'dikjarazzjoni ta' ħtija.

Illi, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali sabiex tindirizza dan l-ilment bil-għan illi tqis jekk l-Ewwel Qorti kenitx raġjonevolment u/jew legalment żbaljata fid-deċiżjoni tagħha.[1] Fil-fatt mill-atti jemerġi illi nhar il-11 ta' Awwissu 2013 sar rapport lill-Pulizija dwar serqa minn ġewwa r-residenza bin-numru 45, Triq San Pawl, Marsa, u dana għad-detriment ta' Giuseppe sive Joseph Cassar. Il-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn irriżulta li kien hemm sgass u taqlib f' din ir-residenza u fejn id-derubat allega illi kien sab bejn €900 u €1,100 flus kontanti u €300 ġojellerija neqsin. *A tempo vergine*, hekk kif jirriżulta mill-*PIRS Report* ippreżentat in atti, id-derubat, Cassar, kien stqarr mal-pulizija "**illi huwa ħareġ mid-dar għall-ħabta tal-5am biex mar il-quddies u x'ħin ġie lura għall-ħabta tas-7:20am induna li xi ħadd mhux magħruf kien sgassalu l-bieb ta' barra, li huwa tal-aluminium. Min hemm tela fil-kamra tas-sodda u nduna li kien hemm xi teqlib fil-gradenza li fiha kellu 900 ewro fi flus kontanti u ċappetta tad-deheb neqsin li tiswa madwar 300 ewro.**"

Illi, sussegwentement mill-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija kienet instabet impronti diġitali fuq kaxxa tal-ġojellerija li kienet tinsab f'kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq, liema marka kienet taqbel ma' dik tal-appellat. Cassar stqarr li l-kaxxa tal-ġojellerija in kwistjoni kienet miżmuma ġewwa kaxx oħra akbar li anke kellha ċ-ċavetta miksura u li dana seħħ waqt l-allegata serqa għax din ma kinitx miksura qabel. Wara li nstabet l-impronti tal-appellat, Cassar reġa' ġie mitkellem mill-Pulizija u meta ġie mistoqsi dwar l-appellat Joseph Xuereb "**huwa saħaq li fi zmien is-serqa, kantuniera il-bogħod mid-dar tiegħu u ċioe fi Triq il-Marsa, Marsa kien hemm ħanut tat-te' u Xuereb kien ipoġġi fih kmieni filgħodu. Kompla jispjega li peress li**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**kienet rutina għalih li jmur il-quddies tal-ewwel, min ried jistudjah seta' jagħmel dan faċilment. Ikkonferma ukoll li dakinhar tas-serqa, Joseph Xuereb kien propju f'dan il-ħanut u jiftakar li rah ma' persuna oħra izda ma jafx il-persuna l-oħra minn kienet**". Madanakollu saħaq li Joseph Xuereb qatt ma kien daħal fir-residenza tiegħu kif ukoll saħaq "**li għalkemm jafu huwa qatt ma kellmu għax ma jridx kunfidenza miegħu**". Waqt il-kontro-eżami l-parti offiża Cassar xehed li kien hemm istanza waħda meta l-appellat kien mar ikellmu d-dar u kien anke daħal ġewwa sat-taraġ. Jikkonferma pero' li l-appellat qatt ma kien tela' fil-kamra ta' fuq. Huwa xehed li ma jafx meta kien eżatt seħħ dan, izda jaħseb li kien "**xi 5 snin min meta sar il-kaz**". Fl-aħħarnett, fi stadju avvanzat ta' dawn il-proċeduri, il-parti offiża Cassar iddikjara mal-Uffiċjal Prosekutur, illi l-flus ammontanti għal €900 kien sabhom fuq is-sodda, madanakollu ċ-ċappetta baqa' ma sabhiex.

Illi, fil-mori tal-proċeduri l-espert tal-marki tas-swaba maħtur mill-Qorti, Joseph Mallia, kkonstata illi l-impronti elevata minn "**lifter elevat minn fuq kaxxa tal-plastik li kienet fuq is-sodda**" kienet taqbel perfettament mas-subgħa l-kbir ta' id ix-xellugija ta' Joseph Xuereb.

Illi, din hija l-unika prova li hemm li torbot lill-appellat mal-kummissjoni tar-reat ta' serq lilu addebitat, u allura tassumi rwol importanti ħafna, fejn l-Ewwel Qorti kellha neċessarjament tqis jekk din l-evidenza kenitx qed twassal għall-konkluzzjoni univoka u li biha l-ġudikant jista' jkun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilita' kriminali tal-ġudikabbli.

Illi, kif superjorment mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri", deċiza fil-5 ta' Lulju 2002, ġie ritenut illi –

> **'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'.**

Illi, *in oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada", datata l-15 ta' Mejju 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) iddikjarat illi –

> **'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.**

Illi, ukoll, il-gurista Ingliz C.B. Pollock, ukoll jitfa' dawk fuq il-kunċett tal-provi ndizzjarji billi jgħid hekk kif isegwi –

> ***'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).***

Illi kien ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Anthony Abela"** [28.5.1998] li l-prova tal-*fingerprint* għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova waħedha għandha twassal għall-ħtija tal-persuna akkużata. Il-Qorti pero' kienet għamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f'postijiet pubbliċi bħal ħwienet, knejjes, ċinematografi, ħwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru ħafna nies u *fingerprints* li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

> **"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.**

L-awtur *Blackstone* spiss iċċitat mill-qrati tagħna fil-ktieb tiegħu *"CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312*) jgħid testwalment hekk :-

> **"Properly presented *fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but,* in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**
>
> **See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**
>
> ***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

"Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il-kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata.[2]"

Ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja[3]** :

> **"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta**

---

[2] Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb

[3] Deciza fis-7.5.2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

**instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".**

Illi, huwa indubitat illi fil-jum indikat fl-akkuża seħħet serqa mir-residenza ta' Ġużeppi Cassar, hekk kif evidenzjat mill-isgass u t-taqlib li kien hemm fl-istess. Huwa fatt inkontestat ukoll li ma kien hemm l-ebda kameras tas-sigurta' fil-viċinanzi li setgħu jaqbdu lill-malvivent/i fuq ix-xena tar-reat. L-unika prova konkreta li nstabet kienet propju l-impronti diġitali tal-appellat fuq il-kaxxa tal-gojellerija li nstabet fil-kamra tas-sodda u minn fejn allegatament ittieħdet ir-*res furtiva*. L-appellat minn naħa tiegħu ma jagħti ebda spjegazzjoni 'il għala dik l-impronti tiegħu kellha issib postha fuq din il-kaxxa, iktar u iktar meta id-derubat jixhed u igħid li l-appellat bil-kemm jafu u fl-uniku okkazzjoni li daħal fid-dar tiegħu dan wasal sat-taraġ ħdejn il-bieb ta' barra.

Illi mir-ritratti eżebiti mill-uffiċjal tax-xena tar-reat PS612 Theo Vella u senjatament mir-ritratti immarkati bir-referenza CER108 sa CER112 jirriżulta taqlib kbir fil-kamra tas-sodda, bir-ritratt CER112 juri kaxxa tal-injam sgassata u miksura fuq is-sodda u ir-ritratti CER113, u CER114 imbagħad jindikaw kaxxa tal-plastic deskritta bħala *jewel box*, fuq il-gradenza fl-istess kamra tas-sodda li tidher miftuha u li PS612 jindika li instabet minnu fuq is-sodda qalb it-taqlib bil-*lifter* elevat minn PS1261 Charles Pace indikat bħala 13 CBR 301. Illi l-espert Joseph Mallia jiddikjara hekk fir-rapport tiegħu:

**"Illi l-impronta li tidher żviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 13 CBR301 giet ikkomparata pożittivament, u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' joseph xuereb detentur tal-karta tal-identita numru 105963(M)."**

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Vincent Calleja"** [7.3.2002] il-ligi tagħna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li għandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert ieħor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-pulizija ghall-

biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieħ fuq '9 points'. Iżda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-*"point of comparison"*. Illi fil-fatt mir-rapport tal-espert Mallia dawn l-erbatax il-punt ta' komparazzjoni kienu minnu stabbiliti, sabiex ma hemmx dubbju allura li din il-marka tas-subgħa tappartjeni proprju lill-appellat. Fil-fatt il-pulizija wasslu għall-arrest tal-appellat proprju fuq din l-evidenza. Mhux biss iżda id-derubat stess jikkonferma illi dak in-nhar tas-serqa huwa kien osserva lill-appellat fil-viċinanzi tad-dar tiegħu ġewwa ħanut tat-te'.

Id-derubat imbagħad jindika li din il-kaxxa li fuqha instabet l-impronti diġitali appartenenti lill-appellat, kienet magħluqa ġewwa kaxxa oħra msakkra b'ċavetta, liema kaxxa kien iżomm ġo kexxun. Igħid li sab il-kexxun miftuħ u l-kaxxa mkissra. Issa għalkemm id-derubat snin wara li seħħet is-serqa, u ċioe' fis-sena 2020, stqarr mas-Supretendent James Grech illi huwa kien sab il-flus li kien irrapporta neqsin fuq is-sodda, il-Qorti qajla temmen dan il-fatt iktar u iktar meta ir-ritratti meħuda minn PS612 dak in-nhar stess li seħħet is-serqa ma jidhru ebda flus fuq is-sodda kif stqarr id-derubat u allura iktar temmen illi wara dan it-trapass ta' żmien meta jidher li huwa stabbilixxa kuntatt mill-ġdid mal-appellat, li *del resto* kien jafu saħansitra qabel is-serqa, għamel xi tentattiv biex jeżonerah. Fil-fatt igħid hekk lill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa li ħejjiet *Social Enquiry Report* fuq talba tad-difiża:

> **"Jispjega li hu jaf lil Joseph Xuereb għax joqgħod ftit 'il bogħod minnu u jgħid li kien hemm okkazjoni fil-passat fejn kien anke selfu Lm100. Jgħid li minn dakinhar tal-każ għadda ħafna żmien u hu min-naħa tiegħu ma jrid xejn lura. Jispjega li fil-preżent huwa għandu relazzjoni tajba ma' Joseph Xuereb u jsibu ta' għajnuna."**

Illi għalhekk il-Qorti tqis illi l-konkluzjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti ma kenux la legalment u lanqas raġjonevolment fondati. Dan għaliex kien hemm prova ċara li kienet seħħet serqa mir-residenza tal-parti offiża, kien hemm evidenza ta' sgass u taqlib fil-kamra tas-sodda minn fejn ittieħdet ir-*res furtiva*, fuq kollox hemm evidenza tal-presenza tal-appellat fuq ix-xena tar-reat liema presenza huwa ma jagħti ebda spjegazzjoni għaliha. Ġie stabbilit illi l-parti leza lill-appellat ma kienx jafu sew qabel

seħħet is-serqa u qatt ma daħħlu fuq fil-kamra tas-sodda sabiex b'hekk ma hemm l-ebda raguni gustifikabbli li setghet tpoġġi lill-appellant ġewwa din il-kamra, u li allura setgħet tindika li hu kien awtorizżat jmiss proprju il-kaxxa fejn instab il-marka ta' subajgħ fuqha liema kaxxa jidher li kienet miżmuma imsakkra ġewwa kaxxa oħra li instabet sgassata. Dan ifisser illi ma seta' kien hadd hlief l-appellant li kien involut fis-serqa mertu ta' dan il-każ, iktar u iktar meta hemm evidenza ta' impronti diġitali tal-appellat proprju fuq il-kaxxa fejn kienet iċ-ċappetta li d-derubat sab nieqsa f'din is-serqa. Illi finalment għalkemm id-derubat jistqarr mas-supretendent James Grech snin wara li l-flus sabhom fuq is-sodda, din id-dikjarazzjoni ma għandiex mis-sewwa billi mhux biss kien irrapporta dan il fatt lil-pulizija *a tempo vergine*, izda baqa' jinsisti fuqha snin wara meta xehed fil-qorti u allura ma jistax jitwemmen illi seba' snin wara li seħħ ir-reat dawn il-flus tfaċċaw fuq is-sodda li mir-ritratti meħuda mill-PS612 Vella ma jidhru imkien, u li kieku kien hekk il-każ żgur li kienu jinstabu mill-investigaturi.

Illi l-appellat huwa mixli bir-reat ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin. Illi huwa indubitat illi dawn l-aggravanti, għajr għal dak tal-ħin, jirriżultaw ippruvati, u dan meta hemm evidenza li l-malvivent aċċeda f'dar ta' abitazzjoni permezz ta' sgass, u ukoll minn fejn jirriżulta illi ir-*res furtiva* tammonta għal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), biċ-ċappetta misruqa tlaħħaq it-€300, kif jirriżulta mir-rapport magħmul mid-derubat stess. Dan apparti il-flus fl-ammont ta' €900 li, kif ingħad, il-Qorti temmen li insterqu ukoll waqt is-serqa. Illi meta is-serqa seħħet fix-xahar ta' Awwissu fis-7:35 ta' fil-għodu, huwa indubitat illi fix-xhur tas-sajf, f'dak il-ħin, ix-xemx tkun telgħet u kwindi dan l-aggravanti ma jirriżultax ippruvat.

Finalment, l-appellant huwa mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Ottubru 2012, liema imputazzjoni ukoll tirriżulta ippruvata u dan mhux biss meta huwa kkometta reat ieħor waqt li kien meħlus mill-arrest, iżda ukoll għaliex is-serqa seħħet proprju fil-ħin meta l-appellat suppost kien qiegħed id-dar, u allura kien hemm ukoll ksur tal-kundizzjoni ta' rinkażar. Issa għalkemm mix-xiehda tal-iSpettur Spiridione Zammit jidher illi l-każ li abbażi tiegħu kien konċess dan il-ħelsien mill-arrest llum huwa deċiż, madanakollu

jibqa il-fatt illi l-ksur seħħ. Madanakollu l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi l-piena għal din il-vjolazzjoni tal-liġi għandha tkun *de minimis*. Abbinat ma' dan, imbagħad l-addebitu tar-reċidiva huwa ukoll ppruvat bis-sentenza tal-14 ta' Marzu 2011 mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 261(b)(c) u (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(a), 280(2), 579(2), 49, 50, u 289 tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, għajr għall-aggravanti dwar il-ħin għar-reat tas-serq li ma tirriżultax ippruvata, u tikkundannah għal perijodu ta' sentejn priġunerija. Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €500 rappreżentanti depożitu magħmul bħala garanzija għal ħelsien mill-arrest fit-termini tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-24 ta' Ottubru 2012[4].**

**Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €515.29 rappreżentanti l-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dawn il-proċeduri.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[4] Dokument JG3